# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tar-Raba' laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 5 t' Awwissu 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

## *Skużat*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tielet laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2015.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ma kellhu l'ebda komunikazzjoni x'jgħaddi lill-membri prezenti.

## 4. Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mid-9 ta'Lulju sal -5 t' Awwissu 2015.

4.1 Rigward l-ittra mingħand Janice Schembri s-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill għadu ma ħax risposta dwar il-proposti li ressaq għall-attenzjoni tal-Bord tal-Governanza dwar proċedura għal talbiet ta' ħsarat li jkunu allegatament saru f'toroq li jaqaw taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill u għaldaqstant mhux f'pożizzjoni li jaċċetta t-talba tas-Sinjura Schembri wisq aktar invista tal-fatt wkoll li jidher li l-ħsara li ġarbet kienet relatat ma kanal li sar minn xi entita jew Awtorita' oħra u dan il-fatt aktar jikkonferma li mhiex r- responsabilita tal-Kunsill li din is-sinjura ġarbet tali ħsarat u l-Kunsill ma ta l'ebda permess għal dan ix-xogħol. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Kunsill għal talba ta' reklamar fil-ktieb tal-Festa mill-Kumitat tal-Festi Esterni Marija Regina għas-somma ta' Mitejn u ħamsin Ewro (€250). Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.3 Għar-rigward tat-talba li saret minn Chanice Buttigieg sabiex tpoġġi pjanti fuq il-bankina ta' Telgħa ta' Spencer quddiem il-ħanut Censu Snack Bar, is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li ma jkunx kontra diment li jiġi approvat minn Transport Malta wara li jwaħħlu l-crashbarrier kif mitlub jsir minn din l-Awtorita' wara li din l-Awtorita' ma tatx permess lill-Kunsill biex iwaħħal U-shaped bollard fl-istess triq. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.4 Rigward l-ilment li ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill is-Sur Baldacchino, is-Sindku is-Sur Francis Debono qal li jekk qiegħed jifhem sew din hija Triq ix-Xwieni l-parti li qatt ma ngħatat t-tarmak u għaldaqstant għadha taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Gvern u għaldaqstant dan l-ilment għandu jgħaddi għand Transport Malta u l-Ministeru tat-toroq. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.5 Għar-rigward ta' ilment indikat mis-Sur Daniel Marin dwar l-isqaq bejn Xatt l-Għassara ta' l-Għeneb u l-Park and Ride, is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dan ġie kostrwit mit-Transport Malta u ma ġiex devolut lill-Kunsill, għaldaqstant t-tindif għandu jaqa' taħt Transport Malta jew l-Cleansing Department u l-ilment għandu jgħaddi għal attenzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.6 Għar-rigward tat-Talba tas-Sur Damian Borg, is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill kien iddeċieda f'seduta preċedenti u l-każ huwa magħluq. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq talba li waslet il-Kunsill illum dwar il-possibilita li ssir road hump fit-Telgħa ta' Spencer. Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jitlob permess ta' din ir-road hump lil Transport Malta kif ukoll oħra fi Triq il-Farfett kantuniera ma Triq Zerafa. Il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.8 Għar-rigward tat-talba mill-Għaqda Storika Kulturali s-Sindku s-Sur Francis Debono qal li x-xelter ta' taħt Villa Violette kien ingħata b'mod formali lill-Kunsill minn sid il-Villa għal użu tal-Kunsill u attivitajiet kulturali li jista' jħejji minn żmien għal żmien l-istess Kunsil. Il-Kunsill għaldaqstant mhux kontra li dan ix-xelter jiġi użat mill-Għaqda u jekk l-Għaqda trid tagħmel użu minnu tista' tagħmel hekk f'isem il-Kunsill iżda dejjem tinforma lill-Kunsill b'dak kollhu li

jkun qed isir mill-istess Għaqda. B'dan il-mod l-Għaqda ma jkollhiex pussess fuqu kif m'għandhux il-Kunsill.

Għar-rigward tal-pumping station din hija propjeta ta' l-Enemalta u mhux tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.9 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għal attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni ta' insurance ta' flus għas-somma ta' € 170.00 mingħand MIB (Mediterranean Insurance Brokers) . Is-sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jaċċetta din il-kwotazzjoni. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *5. Schedule of Payments 8/15*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal ħlasijiet tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## *6. Purchase Order 4066 - 4079*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 4066 - 4079 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 3048 - 3061*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 3048 sa 3061 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Tibdil fil-ħin tal-ġbir ta' l-Iskart*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li mit-Tnejn 31 t'Awwissu 2015 il-ġbir ta' l-iskart jibda jsir mit-Tmienja ta' filgħodu l'quddiem u għandu jibda minn toroq l'bogħod mill-iskejjel sabiex ma jiġhiex affetwat it-traffiku ta' filgħodu. Barra minhekk il-Kunsill fl-eventwalita li xi residenti jkunu qed joħorġu l-iskart tagħhom mhux fil-ħin stipulat skont l-avviżi li ser ikunu qed jiġu ppubblikati, l-Kunsill għandu jitlob is-servizz tal-Gwardjani Lokali biex jissorvelja dan in-nuqqas u jeduka lil dawk ikkonċernati sabiex jaderixxu mad-direzzjoni tal-Kunsill dwar it-tibdil fil-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanim

## 9. *Ħruġ ta' Tender Cleaning and Maintenance of Pubic Gardens*

9.1 Is-Sindku is-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova sabiex l-Amministrazzjoni tħejji d-dokumenti għall-offerta għas-servizz ta' tindif u manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi minħabba li dan il-Kuntratt wasal fit-tmiem tal-perjodu tiegħu. Din l-offerta għandha tkun għas-somma ta' mitt ewro (€100) u l-pubblikazzjoni tkun fuq il-ġurnali kif deċiż mill-Kunsill f'seduti preċedenti u tibqa miftuħa għal xahar. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 10. *Ħruġ ta' Tender Upkeep and Maintenance of Soft Areas*

10.1 Is-Sindku is-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova sabiex l-Amministrazzjoni tħejji d-dokumenti għall-offerta għas-servizz ta' tindif u manutenzjoni ta' Soft Areas minħabba li dan il-Kuntratt dalwaqt wasal fit-tmiem tal-perjodu tiegħu. Din l-offerta għandha tkun għas-somma ta' mitt ewro (€100) u l-pubblikazzjoni tkun fuq il-gurnali kif deċiż mill-Kunsill f'seduti preċedenti u tibqa miftuħa għal xahar. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 11. *Ħruġ ta' Tender Street Lighting*

11.1 Is-Sindku is-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova sabiex l-Amministrazzjoni tħejji d-dokumenti għall-offerta għas-servizz ta' Manutenzjoni u tibdil tad-dawl tat-toroq minħabba li dan il-Kuntratt kien ilhu jiġi estiz fuq direzjoni tad-Dipartiment iżda fuq rakkomandazzjoni ta' l-Awdituri tal-Gvern l-Kunsill għandu jkollhu kuntratt ġdid sabiex ma jibqax jiġi estiz dak antik. Dan apparti l-fatt li r-Reġjun għadu fid-diskussjoni li joħroġ tali Kuntratt iżda jidher li mhux ser jimmaterjalizza f'qasir żmien. Dan il-Kuntratt għandu jkun għal erba' snin iżda jiġi mġedded kull sena. Din l-offerta għandha tkun għas-somma ta' mitt ewro (€100) u l-pubblikazzjoni tkun fuq il-gurnali kif deċiż mill-Kunsill f'seduti preċedenti u tibqa miftuħa għal xahar. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 12. *Tiġdid tas-Servizz ta' l-Impjegata Part-Time*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex l-impjegata Part-Time li ġiet magħżula sitt xhur ilhu sabiex tiġi mpjegata mall-Kunsill b'mod temporanju minħabba li waħda mill-impjegati kienet ser tkun fuq "maternity leave", jiġi estiż l-perjodu tax-xogħol temporanju tagħha sa l-aħħar ta' Diċembru invista taċ-ċirkostanzi li ser jiżviluppaw minħabba li l-impjegata l-oħra tal-Kunsill ser ikollha tassenta ruħa mix-xogħol għal tul ta' żmien minħabba problemi familjari li jkollha tattendi għalihom l'bogħod minn xtutna.

12.2 Wara diskussjoni fil-Kunsill fuq dan is-suġġett is-Sindku s-sur Francis Debono ppropona wkoll li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel dak kollhu possibli biex ikun ta' għajnuna f'dawn il-mumenti diffiċli li qed taffaċja din l-impjegata. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Tindif addizzjonali matul il-ġimgħa tal-Festa*

13.1 Billi fl-aħħar tax-xahar ta' Awwissu l-Lokal tagħna ser ikun qed jiċċelebra l-Festa ta' Marija Regina, is-Sindku is-Sur Francis Debono talab sabiex il-kuntrattur il-ġdid tat-tindif tat-toroq jiġi nfurmat li l-Kunsill ser ikollu bżonn servizz addizzjonali matul il-ġimgħa tal-Festa u dan sabiex jibqa jingħata l-aħjar servizz lill-poplu Marsi kif kien jingħata qabel. Għal dan il-għan is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex l-amministrazzjoni tal-Kunsill titlob kwotazzjoni u japprova l-ħlas skond ir- rata elenkata fl-istess kuntratt għal servizz addizzjonali ta' knis u ġbir ta' skart wara l-marċ bejn il-Gimgħa u l-Ħadd tal-Festa. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

14.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex il-Kunsill jikkunsidra favorevolment it-talba li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa talbet li hu jressaq f'isimha. It-talba li ressaq hi sabiex l-Għaqda itella' preżentazzjoni fis-sala tal-Kunsill. Id-data tiġi proposta aktar l'quddiem u talab ukoll f'isem din l-Għaqda jekk il-Kunsill jistax jagħmel riċeviment zgħir għal parteċipanti waqt din il-preżentazzjoni. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill mhux kontra tali attivitajiet u ssekonda l-mozzjoni. Il-Vot kien unanimu.

## *20. Aġġornament tal-Laqgħa*

20.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-Sitta u għaxra ta' filgħaxija (6.10pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv